**Laqgha Numru 10/K6/2012 – Laqgha b'urgenza**

**Introduzzjoni**

L-Ghaxar Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar it-Tlieta 21 ta' Frar 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienu skuzata. **(Ara Dok. A u B)**

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-21 ta' Frar 2012. L-Agenda kienet:

**01. Rizoluzzjoni specjali 02/2012 – Konsultazzjoni mill-MEPA dwar in-NHLP.**

## 01. Rizoluzzjoni specjali 02/2012 – Konsultazzjoni mill-MEPA dwar in-NHLP.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta rizoluzzjoni specjali riferenza 02/2012. **(Ara Dok. C)**

1.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li r-rizoluzzjoni specjali tigi approvata kif ipprezentata, liema rizoluzzjoni tghid li ghandha tigi emendata d-decizjoni approvata mill-Kunsill f'Minuti 08/K6/2012 item 14.06 biex minflok il-konsultazzjoni ssir biss mar-residenti ta' St. Patricks u St. Andrews mill-Australia Hall il-fuq, il-konsultazzjoni ghandha ssir permezz ta' ittra mqassma lir-residenti kollha tal-lokal u ghalhekk, ghajr dawk kif kien approvat diga fil-laqgha precedenti, dawn issa ghandhom jinghataw cans sa nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2012 biex jaghtu r-rispons taghhom.**(Ara Dok. D)**

1.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.05. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fil-5.35pm.

| Joe Zammit<br>***Sindku*** | Kevin Borg<br>***Segretarju Ezekuttiv*** |
|---|---|